QORTI KRIMINALI

IMHALLEF DR. CONSUELO SCERRI HERRERA LL.D., Dip Matr., (Can)

Att ta' Akkuza Nru.: 8/2019

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

Tony Curmi

Illum, 9 ta' Dicembru, 2020.

Il-Qorti,

Rat illi fis-seduta tas- 7 ta' Lulju 2020 Dr Nadia Attard ghall-Avukat Generali informat lil Qorti li hemm xhud u cioe' Wayne Grima li ghad ghandu proceduri fil-konfront tieghu u konsegwentement dan ix-xhud mhux f'posizzjoni jiddeponi. Fl-istess seduta quddiem din il-Qorti gie vverbalizzat li d-difiza tirregola ruhha fi stadju opportun dwar il-potenzjali lezjoni ta' dritt li qed isofri l-akkuzat minhabba l-agir tal-prosekuzzjoni. L-Avukat Ganerali informa lil Qorti li l-proceduri fil-konfront tax-xhud ghadhom fi stadju fejn ghadha ma hargitx l-att ta' akkuza fil-konfront tieghu.

Illi fis-seduta tal- 1 ta' Settembru, 2020 Dr. Nadia Attard ghall-Avukat Generali informat lil Qorti li dan il-guri ma jistax isir minhabba l-kaz ta' Wayne Grima. L-Avukat Generali talab li dan il-guri ma jigix appuntat qabel il-kaz fil-konfront ta' Wayne Grima jigi konkluz b'mod definittiv. Id-difiza oggezzjonat ghal din it-talba u dan principalment peress li l-akkuzat ghandu dritt jinghata '*zmien xieraq fi zmien*

*ragonevoli*' b'dan, din il-Qorti qieghda tifhem li d-difiza riedet tghid '*smigh xieraq fi zmien ragonevoli*'.

Il-Qorti rat is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali nhar il- 15 ta' Lulju, 2019 fl-ismijiet **'Francis Portelli et vs Avukat Generali**'. Ghalhekk ordnat l-partijiet sabiex jipprezentaw nota f'dan ir-rigward u taghat zmien hmistax-il jum lil Avukat Generali peress li t-talba hija tieghu bil-visto tal-kontroparti li kellu l-istess zmien biex iwiegeb ghall-istess.

Fis-seduta tad- 29 ta' Settembru, 2020 Dr Kevin Valletta ghall-Avukat Generali informa lil Qorti li l-kawza kostituzzjonali **'Francis Portelli et vs Avukat Generali'** hija differita ghas-sentenza ghas- 6 ta' Ottubru 2020.

Illi sa dak in-nhar, in-noti tal-partijiet dwar it-talba odjerna kienu ghadhom ma gewx ipprezentati.

L-Avukat Generali permezz ta' '*Nota Responsiva*' datata t-12 ta' Ottubru, 2020 ghamel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Francis Portelli et vs Avukat Ġenerali'** deciza finalment fis-6 ta' Ottubru 2020 u jghid li s-sitwazzjoni hija wahda differenti, li hawnhekk l-istruttorja intemmet, il-procedura tar-rinviju ntemmet ukoll u l-provi gew kollha kumpilati tant li nharget l-Att tal-Akkuza fil-konfront tal-akkuzat Tony Curmi. L-Avukat Generali jissottometti li sabiex isir il-guri ta' Tony Curmi u sabiex ikun zgurat li ssir gustizzja, il-prosekuzzjoni ghandha bzonn lil Wayne Grima sabiex jixhed. Issottometta li l-proceduri kontra Wayne Grima, avolja waslu fi tmiemhom, ghadhom ma ntemmux u ghaldaqstant skont il-ligi nostrana, Wayne Grima ghadu meqjus bhala l-ko-akkuzat ta' Tony Curmi u ghalhekk prekluz milli jixhed kontrih, jew jekk jixhed tali xhieda tkun wahda inammissibli. L-Avukat Generali jissottometti li huwa krucjali ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja li Wayne Grima jixhed fil-konfront ta' Tony Curmi. Li jekk dan ma jsirx, ser tisvolgi sitwazzjoni fejn il-gustizzja mhix ser issir u l-Avukat Generali ghandu obbligu sancit mill-Ligi li jizgura li l-gustizzja ssir. In oltre' jissottometti li huwa l-Avukat Generali li ghandu d-

diskrezzjoni dwar kif titmexxa l-prosekuzzjoni u dwar liema xhieda jigu prodotti u f'liema sekwenza. Li dan ma jsirx b'kapricc izda sabiex jigi zgurat li fl-ahhar nett issir gustizzja fil-konfront ta' kull min ikun involut f'kaz partikolari.

In oltre', l-Avukat Generali issottometta li hawnhekk mhix kwistjoni ta' tkaxkir tas-saqajn kif forsi gara fil-proceduri ta' Francis Portelli et, izda hija sitwazzjoni fejn ghall-ahjar interessi tal-gustizzja u sabiex jigi accertat li filfatt issir gustizzja, Wayne Grima huwa mehtieg li jixhed bhala xhud normali u mhux bhala ko-akkuzat fil-guri ta' Tony Curmi.

Ghalhekk l-Avukat Generali zamm ferm mat-talba tieghu li l-guri fl-ismijiet premessi jintbghat *sine die* u dan sakemm jintemmu l-proceduri kontra Wayne Grima sabiex l-istess Grima ikun jista' jixhed fil-proceduri odjerni.

Id-difiza baqghet ma prezentatx nota dwar din it-talba izda fis-seduta tas- 17 ta' Novembru 2020 izda Dr Edward Gatt ghall-akkuzat iddikjara li qed jikkontesta s-sottomissjonijiet tal-Avukat Generali u talab lil Qorti qabel ma tghaddi ghad-digriet taghmel referenza ghal numru ta' sentenzi u cioe' dawk indikati fl-istess verbal.

Il-kawza thalliet differita ghall-provvediment.

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li t-talba tal-Avukat Generali ghas-sospensjoni ta' dan il-guri hija bbazata fuq il-kwistjoni li x-xhud Wayne Grima ghad ghandu proceduri pendenti fil-konfront tieghu u li konsegwentement ix-xhud mhux f'posizzjoni li jiddeponi. Kien ghalhekk li l-Avukat Generali talab li dan il-guri ma jigix appuntat qabel il-kaz fil-konfront ta' Wayne Grima jigi konkluz b'mod definittiv. Minn naha l-ohra id-difiza opponiet ghal din it-talba u dan abbazi tal-fatt li l-akkuzat ghandu dritt jinghata smiegh xieraq fi zmien ragonevoli.

Illi wara li din il-Qorti fliet l-atti, innotat li l-eccezzjoni preliminari tal-akkuzat li taqra '*Illi kull stqarrija, sia tal-akkuzat u kif ukoll ta' terzi senjatament ta' Wayne Grima ma' ghandhomx jiffurmaw parti mill-process waqt il-jury u dana kemm il-darba l-imsemmija stqarrijiet ma' ttiehdux u ma' gewx rilaxxjati skond il-gurisprduenza ricenti dwar l-ammissibilita' ta' stqarrijiet li ma' ttiehdux skond il-Ligi;*' baqghet ma gietx deciza;

Illi dan sehh in vista tal-fatt li wara li l-akkuzat ressaq in-nota ta' eccezzjonijiet u l-lista tax-xhieda, l-Avukat Generali kien ressaq rikors fejn fost sottomissjonijiet ohra kien issoleva l-inammissibilita' tal-Kummissarju tal-Pulizija bhala xhud stante li skont l-Avukat Generali l-oggetti tal-prova rikjest minnu m'huwiex wiehed legalment sostenibbli stante li jitratta dwar fedina penali ta' terza persuna li hija sempliciment xhud fil-kaz odjern, liema dokument huwa wiehed personali u bl-ebda mod ma ghandu jigi a kinjozzjoni tal-gurati.

Il-partijiet fis-seduta tat- 3 ta' Ottubru, 2019 fir-rigward tal-istqarrija tal-akkuzat, kienu qabblu li jistennew l-ezitu tas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **'Farrugia vs Malta'**;

Illi l-Qorti permezz tad-digriet tad- 19 ta' Novembru 2019 kienet cahdet it-talba tal-Avukat Generali fejn issoleva l-inammissibilita' tal-Kummissarju tal-Pulizija bhala xhud. Dak id-digriet kien gie appellat mill-Avukat Generali u l-appell tal-Avukat Generali kien gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis- 26 ta' Frar 2020.

Din il-Qorti permezz tad-digriet tas- 27 ta' Frar, 2020 liema digriet jindika is-sena bhala s- 2019 kienet iddikjarat li '*rat li l-eccezzjonijiet preliminari gew definittivament decizi mill-Qorti tal-Appell*' u appuntat il-kaz ghas-smiegh ghall-informazzjoni. Sussegwentement tqajmet il-kwistjoni odjerna mill-Avukat Generali u cioe' fejn il-Qorti giet mitluba sabiex dan il-guri ma jigix appuntat qabel il-kaz fil-konfront ta' Wayne Grima jigi konkluz b'mod definitt.

Din il-Qorti waqt li kienet qieghda tifli l-atti sabiex tikkunsidra t-talba odjerna tal-Avukat Generali, irriskontrat li l-eccezzjoni preliminari tal-akkuzat rigwardanti l-istqarrijiet rilaxxati mill-akkuzat u minn terzi senjatament ta' Wayne Grima baqghet ma gietx deciza.

Ghalhekk din il-Qorti f'dan l-istadju tqis li t-talba tal-Avukat Generali ghas-sospensjoni tal-Guri bhala wahda intempestiva u dan stante li ghad trid tigi deciza l-eccezzjoni preliminari mressqa mill-akkuzat.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tal-Avukat Generali ghas-sospensjoni tal-guri odjern u filwaqt li tirrevoka *contrario imperio* fejn fid-digriet tas- 27 ta' Frar 2020[1] din il-Qorti kienet iddikjarat li '*l-eccezzjonijiet preliminari gew definittivament decizi mill-Qorti tal-Appell*' u minflokk tordna li fis-seduta li jmiss il-partijiet jitrattaw l-eccezzjoni preliminari mressqa mill-akkuzat fl- 4 ta' Settembru 2019.

Il-Qorti tordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-kaz.

Consuelo Scerri Herrera
Imhallef

[1] Liema digriet huwa indikat bid-data tas-'27 ta' Frar, 2019'